II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1307

**tas-6 ta’ Awwissu 2021**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli f’ċerti Stati Membri**

*(notifikata bid-dokument C(2021) 5979)*

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) ([1]), u b’mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli (HPAI) hija marda virali infettiva tal-għasafar u tista’ tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur u toħloq tfixkil għall-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi. Il-viruses tal-HPAI jistgħu jinfettaw lill-għasafar migratorji u dawn imbagħad jistgħu jinxterdu fuq distanzi twal waqt il-migrazzjonijiet tagħhom fil-ħarifa u fir-rebbiegħa. Għaldaqstant, il-preżenza tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta’ dawn il-viruses fl-azjendi fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija. Fil-każ ta’ tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex f’azjendi oħra fejn jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI taqa’ fid-definizzjoni ta’ marda elenkata f’dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard elenkat, inkluż miżuri ta’ kontroll tal-mard għall-HPAI.

(3) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 ([3]) ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u din tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tal-mard marbuta ma’ tifqigħat tal-HPAI.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([3]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta’ April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma’ tifqigħat ta’ influwenza tat-tjur b’livell patoġeniku għoli f’ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166)

(4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-Istati Membri wara t-tifqigħat tal-HPAI, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-anqas iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 ġie emendat dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1186 ([4]), wara tifqigħa ulterjuri tal-HPAI fit-tjur jew l-għasafar tat-trobbija fi Franza li kien jeħtieġ tiġi riflessa f'dak l-Anness.

(6) Kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/239 ([5]), Franza nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjendi fejn kienu jinżammu t-tjur jew l-għasafar tat-trobbija fid-département ta' Pyrénées-Atlantiques ta' dak l-Istat Membru. Fost dawk it-tjur jew għasafar miżmuma fil-magħluq kien hemm papri ta' speċi ta' razza rari fi stabbiliment partikolari. Għaldaqstant, għall-fini tal-konservazzjoni ta' dawk il-papri ta' speċi ta' razza rari, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ddeċidiet li tipposponi l-qtil tal-għasafar f'dak l-istabbiliment, f'konformità mad-deroga prevista fil-punt (c) tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 13(3) tiegħu. Konsegwentement, jenħtieġ li d-durata tar-restrizzjonijiet applikabbli fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza elenkati mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għal dik it-tifqigħa fid-département tal-Pyrénées-Atlantiques tiġi estiża f'konformità mal-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-durata tar-restrizzjonijiet applikabbli fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza elenkati għal Franza fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tiġi emendata.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 tiġi emendata skont dan.

(8) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-HPAI, hu importanti li l-emendi li jridu jsiru tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 permezz ta' din id-Deċiżjoni, isiru effettivi kemm jista' jkun malajr.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1186 tas-16 ta' Lulju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 257, 19.7.2021, p. 5)

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/239 tas-16 ta' Frar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 56I, 17.2.2021, p. 1)

*ANNESS*

*"ANNESS*

PARTI A

Iż-żoni ta' protezzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2:

**Stat Membru: Franza**

| Iż-żona tinkludi: | Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Il-komuni li ġejjin fid-dipartiment: Pyrénées-Atlantiques (64)* | |
| BIDACHE; CAME | 26.8.2021 |

PARTI B

Iż-żoni ta' sorveljanza msemmija fl-Artikoli 1 u 3:

**Stat Membru: Id-Danimarka**

| Iż-żona tinkludi: | Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| Il-partijiet tal-muniċipalitajiet ta' Sønderborg u ta' Åbenrå, lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u fiċ-ċirku b'raġġ ta' 10 kilometri, iċċentrat fuq il-koordinati tal-GPS Lat. 54,862138; Lonġ. 9,654193 | 8.8.2021 |
| Il-partijiet tal-muniċipalità ta' Sønderborg li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' 3 kilometri, iċċentrat fuq il-koordinati tal-GPS Lat. 54,862138; Lonġ. 9,654193 | Mill-31.7.2021 sat-8.8.2021 |

**Stat Membru: Il-Ġermanja**

| Iż-żona tinkludi: | Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| **SCHLESWIG-HOLSTEIN** | |
| **Landkreis Schleswig-Flensburg**<br>Amt Langballig komplett mit den Gemeinden<br>— Dollerup<br>— Grundhof<br>— Langballig<br>— Munkbrarup<br>— Ringsberg<br>— Wees<br>— Westerholz<br>Stadt Glücksburg<br>Teile des Amtes Hürup mit den betroffenen Gemeinden<br>— Maasbüll<br>— Husby<br>Teile des Amtes Geltinger Bucht mit den betroffenen Gemeinden<br>— Steinbergkirche<br>— Steinberg | 8.8.2021 |

**Stat Membru: Franza**

| Iż-żona tinkludi: | Data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 |
|---|---|
| *Il-komuni li ġejjin fid-département: Landes (40)* | |
| Cauneille<br>Hastingues<br>Oeyregave<br>Orthevielle<br>Peyrehorade<br>Sorde-l'Abbaye | 4.9.2021 |
| *Il-komuni li ġejjin fid-département: Loiret (45)* | |
| BEAULIEU-SUR-LOIRE<br>BONNY-SUR-LOIRE<br>BRETEAU<br>BRIARE<br>CHAMPOULET<br>CHÂTILLON-SUR-LOIRE<br>FAVERELLES<br>OUSSON-SUR-LOIRE<br>OUZOUER-SUR-TRÉZÉE<br>THOU<br>BATILLY-EN-PUISAYE<br>DAMMARIE-EN-PUISAYE | 8.8.2021 |
| *Il-komuni li ġejjin fid-département: Nievre (58)* | |
| ANNAY ; ARQUIAN ; NEUVY-SUR-LOIRE | 8.8.2021 |
| *Il-komuni li ġejjin fid-département: Pyrénées-Atlantiques (64)* | |
| BIDACHE ; CAME | Minn 27.8.2021 Sa 4.9.2021 |
| ARANCOU ; ARRAUTE-CHARRITTE ; AUTERRIVE ; BARDOS ; BERGOUEY-VIELLENAVE ; CARRESSE-CASSABER ; ESCOS ; GUICHE ; LABASTIDE-VILLEFRANCHE ; LABETS-BISCAY ; LEREN ; MASPARRAUTE ; OREGUE ; SAINT-DOS ; SAINT-PE-DE-LEREN ; SAMES | 4.9.2021 |
| *Il-komuni li ġejjin fid-département: Yonne (89)* | |
| BLÉNEAU<br>LAVAU<br>ROGNY-LES-SEPT-ÉCLUSES<br>SAINT-MARTIN-DES-CHAMPS<br>SAINT-PRIVÉ | 8.8.2021" |